# QORTI CIVILI - PRIM’AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Tlieta, 2 ta’ Mejju 2023**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 28/2023 JVC**

**Drawbridge Limited**

**vs**

**Joseph Fenech; Concetta sive Connie Fenech; Stephanie Fenech u Jean Paul Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ rikorrenti Drawbridge Limited prezentat bil-procedura tal-giljottina li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi l-attrici hija l-proprjetarja tal-appartament internament numerat hamsa (5), u formanti parti mill-korp ta' bini maghruf bhala "Morning Mist Court", fi Triq San Massimiljanu Kolbe, f'San Pawl il-Bahar, kif ukoll tal-garaxx internament immarkat bin-numru erbgha (4), sottostanti l-istess korp ta' bini msemmi. Kemm l-appartament kif ukoll il-garaxx imsemmija se ssir riferenza ghalihom minn issa 'l quddiem bhala "il-Proprjeta'";

2. Illi l-attrici u l-konvenut Joseph Fenech kienu dahlu fi ftehim verbali li bih l-istess konvenut kellu jokkupa l-Proprjeta' kontra l-hlas t'' korrispettiv determinat, izda dan il-ftehim verbali u kull ftehim verbali sussegwenti gew terminat u rexxissi permezz tal-iskrittura privata datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022);

3. Illi fost pattijiet u stipulazzjonijiet ohrajn, permezz tal-iskrittura privata datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) il-konvenut Joseph Fenech intrabat li sat-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) huwa u l-konvenuti l-ohrajn ikunu vvakaw mill-Proprjeta';

4. Illi minkejja li ghaddiet id-data miftehma, il-konvenuti baqghu ma vvakawx mill-Proprjeta', u ghalhekk qed issir din il-kawza;

5. Illi sa fejn taf l-attrici, l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjonijiet x'jaghti fil-konfront tat-talbiet taghha;

6. Illi John Mary sive Jimmy Vella, debitament awtorizzat jirraprezenta lill-attrici fi proceduri gudizzjarji, jiddikjara li jaf bil-fatti fuq premessi personalment.

Għaldaqstant l-attriċi umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti, previa kull dikjarazzjoni jew provvediment ieħor opportun, jogħġobha:

(i) taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ billi jikkonkorru ċ-ċirkostanzi kollha meħtieġa mill-artikolu 167 'l quddiem tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

(ii) tikkundanna u tordna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi minnha prefiss jiżgombraw mill-Proprjetà.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

B'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-attriċi fil-konfront tal-konvenuti, skont il-liġi.'

Rat li fis-seduta tal-lum deher l-intimat Joseph Fenech li ta ruhu notifikat bir-rikors guramentat f'ismu u f'isem l-intimati l-ohra.

Rat li llum stess semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-ewwel talba sabiex il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh.

Rat illi ghar-ragunijiet kif esposti fil-verbal tallum, il-Qorti ghaddiet sabiex laqghet l-ewwel talba tas-socjeta' rikorrent, ghalhekk din it-talba hija sorvolata.

Rat illi fl-atti s-socjeta' rikorrenti prezentat ftehim a fol 4 et seq tal-process ffirmat mill-intimat Joseph Fenech, datat 27 ta' Mejju 2022, li permezz tieghu gie dikjarat u miftiehem car u tond illi l-intimat Joseph Fenech kellu jivvaka l-fond in kwistjoni minn nhar it-30 ta' Gunju 2022 flimkien mal-intimati l-ohra u sallum jidher illi dan ghadu ma sarx;

Rat illi l-intimati l-ohra ma rrizultax u ma rnexxielhom jissodisfaw lil din il-Qorti li ghandhom xi titolu validu fil-ligi sabiex jirrisjedu fil-fond in kwistjoni.

Illi in vista ta' dan kollu l-Qorti tqies illi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' it-tieni talba tar-rikorrenti u tikkundana u tordna lill-konvenuti Joseph Fenech, Concetta sive Connie Fenech, Stephanie Fenech u Jean Paul Fenech sabiex fi zmien massimu ta' xahrejn millum jizgumbraw mill-proprjeta' bl-indirizz appartament internament numerat 5, formanti mill-korp ta' bini maghruf bhala Morning Mist Court, Triq San Massimiljanu Kolbe, f'San Pawl il-Bahar kif ukoll il-garaxx internament immarkat bin-numru 4, sottostanti l-istess korp imsemmi;

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**2 ta' Mejju 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**2 ta' Mejju 2023**